# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1954/98 AJM

Kawza numru 25

George Azzopardi

Vs

Alan Harmsworth

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fil-31 ta' Marzu 1998 fil-limiti ta' Hal Far waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru FAW 929 minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura numru EFI 018, proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn ibnu Ronald; illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-rapport tal-Pulizija; illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' l-attur garrbet hsarat konsiderevoli u t-tiswija taghhom teccedi l-elf lira maltin; illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb

ghad-danni sofferti mill-attur b'risultat ta' dan l-incident imsemmi baqa' inadempjenti kella ssir din il-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' Hal Far fil-31 ta' Marzu 1998 u ghad-danni li sofra l-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'risultat ta' dan l-incident, jekk hemm bzon bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Mejju 1998 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni u ghall-ispejjes tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-10 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Ronald Azzopardi konducent tal-vettura ta' l-attur.
2. Ghalhekk it-tieni talba ghandha tigi respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.
3. U l-eccipjent ma ghandux jigi kundannat jhallas ebda danni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tad-29 ta' Novembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' April 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fil-31 ta' Marzu 1998 ghall-habta tas-1.00 p.m. sehh incident awtomobilistiku gewwa ir-Runway antika ta' Hal Farr bejn Ford Escort numru EFI 018 proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn ibnu Ronald Azzopardi, u l-Mazda 323 numru FAW 929 misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh l-isfel fir-runway hekk kif tigi ghat-triq fuq il-lemin (in naha tal-fabbriki) li twassal ghal Hasan's Cave.

Jirrizulta li Ronald Azzopardi bil-vettura Ford Escort kien tiela mid-direzzjoni tal-Fonderija lejn Birzebbugia x'imkien lejn nofs il-karreggata (cioe ir-runway) meta l-Mazda, li kienet qrib t-triq li taghti ghal Hasan's Cave, gibed lejn il-lemin u gie milqut mill-vettura misjuqa minn Azzopardi. Bhala rizultat tal-incident il-vettura ta' l-attur kellha hsarat konsiderevoli fuq il-kantuniera tax-xellug ta' quddiem u r-rota ta' dik in-naha tqactet b'kollox. Wara l-impatt il-vettura ta' l-attur baqghet sejra ghal distanza konsiderevoli – cirka mitt pied. Il-vettura tal-konvenut

inveci kellha ksarat estensivi fuq in-naha tal-lemin taghha mill-mudguard ta' wara sal mudguard ta' quddiem, bi hsara kbira fuq il-bibien ta' dik in-naha. Ma l-impatt din il-vettura baqghet fuq ir-runway ghalkemm giet imbutata xi ftit il-quddiem u angolata b'mod li spiccat thares lejn it-triq li taghti ghal Hasan's Cave.

L-attur qed isostni li l-konvenut kien jahti ghall-akkadut billi dan qabad u kiser lejn il-lemin ossia pprova jaghmel "U" Turn minghajr preavviz u dana meta kienu gejjin karozzi fl-istess direzzjoni minn warajh. Il-konvenut ghal kuntrarju qed jghid li huwa qatt ma ittanta jaghmel "U" Turn kif alegat mill-attur, izda huwa ried biss jidhol fit-triq li taghti ghal Hasan's Cave biex jibqa' sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbugia. Hu jghid li din hija l-unika "exit" minn fuq ir-runway ghal dik id-direzzjoni u ghalhekk kellu "dritta" fuq t-traffiku gej min warajh. Inoltre l-konvenut isostni li l-incident sehh minhabba speed ezagerat ta' iben l-attur li dak il-hin kien qed itellaq ma vettura ohra – senjatament Peugeot 306 li ma deheritx wara l-habta.

Wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti din il-Qorti hija tal-fehema li l-incident sehh tort taz-zewg sewwieqa fi kwoti ugwali. Dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1) Jirrizulta li fil-hin tal-impatt Ronald Azzopardi, iben l-attur, kien mixi bi speed eccessiv. Dan jidher mhux biss minn natura tal-hsara rizultanti fil-vettura tieghu waqt l-impatt izda ukoll mill-fatt li l-vettura tieghu, b'rota nieqsa, wara l-habta baqghet mixja ghal distanza konsiderevoli – cirka mitt pid. Barra minn hekk hemm l-allegazzjoni ta' passiggier li kien fil-vettura tal-konvenut, kif ukoll ta' persuna ohra li kienet issuq wara l-kar tal-konvenut, dwar

l-presenza ta' vettura ohra specifikatament Peugeot 306 li kienet qed ittellaq mal-Escort misjuqa minn Azzpardi. Issa dwar dan Azzopardi nnega li kien qed itellaq, innega l-presenza ta' din il-vettura u dulcis in fundo semma speed ta' 40/50 k.f.s. Din il-Qorti, tenut kont tal-lokalita' tal-incident u cioe Runway ta' ajruport generalment uzat minn fanatici tal-ispeed, ma issib ebda raguni biex ma temminx lix-xhieda Ivan Sultana u Owen Zammit dwar speed fil-vettura ta' l-attur u dana meta l-hsara mgarrba u d-distanza li imxiet il-vettura tal-attur jikkontradicu dak li qal Ronald Azzopardi.

2) Da parti tal-konvenut jidher li dana qasam jew ittanta jaqsam minn naha ghall-ohra tar-runway minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega. Il-konvenut jghid li huwa mexa ghal distanza twila lejn nofs ir-runway b'mod li kien spazju kbir fuq in-naha tax-xellug tieghu. Meta wasal qrib it-triq li taghti ghal Hasan's Cave huwa xeghel l-indicator hares minn gol mirja, ma ra xejn u beda jaqsam. F'dak il-mument giet il-habta. Issa dwar sewqan lejn nofs ir-runway l-istess konvenut huwa kontradett mill-passiggier tieghu stess Ivan Sultana li qal li huma imxew man-nahha tax-xellug tar-runway (int u tiela lejn Birzebbugia) u kien biss meta kienu xi 6/10 metri boghod mit-triq li riedu jmorru fiha, li l-istess konvenut gibed lejn nofs it-triq. Dan juri li l-manuvra tal-konvenut ma kienetx wahda prudenti u marbuta mal-fatt li meta dan hares mil-mera u ma ra xejn jindika li kien hemm nuqqas serju da parti tieghu u dana jinghad peress li hemm il-vizwali hija twila hafna b'mod li ma tistax ma tosservax it-traffiku gej minn warajk.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib iz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident fi kwoti ugwali.

Illi dwar danni sofferti mill-attur jidher li ma saret ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut. Huwa minnu li saru xi kweziti dwar l-ezistenza ta' survey, izda jekk dan sar jew le ma jfissirx li necessarjament d-danni pretizi huma eccessivi. L-attur ippresenta diversi dokumenti gustifikattivi ta' l-ammont ta' tlett elef mija u sebghin lira u erbghin centezimu (LM3170.40) li huwa kkonferma li hallas bhala konsegwenza tal-incident. Oltre dawn l-attur hallas LM3 ghar-Road Accident Report u b'kollox huwa qed jirreklama is-somma ta' LM3173.40. Din il-Qorti taccetta dan l-ammont u tillikwida d-danni attrici fis-somma imsemmija.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh tort taz-zewg sewwieqa, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tlett elef mija tlieta u sebghin lira maltin u erbghin centezimu (LM3173.40) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija sitta u tmenin lira u erbghin cetezimu (LM1586.70) bl-imghax legali millum billi d-danni gew likwidati llum stess.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri